SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 48/K8/18**

Data tal-laqgħa: 19 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (1)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 5250/18)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

Iċ-Ċermen talab li ssir minuta silenzju għall-mewt tas-Sinjura Maria Tabone l-mara ta' l-President Emeritus Dr Ċensu Tabone.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

48.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal-laqgħa. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

48.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 47/K8/18 għall-approvazzjoni.

48.2.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 47/K8/18 bil-korrezzjonijiet li saru.

48.2.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 47/K8/18 bil-korrezzjonijiet li saru.

48.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

48.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar jekk kienx hemm żvillupi dwar il-leasing ta' grawnd. Is-Segretarju spjega li aħna konna ssottomettejna l-oġġezzjoni tagħna għad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Artijiet. Is-Segretarju spjega wkoll li kellu laqgħa ma' uffiċċjali tal-Awtorita' tal-Artijiet li kienu qed jivverifikaw mal-Kunsill dwar l-okkupanti ta' Palazzo Spinola. Waqt din il-laqgħa huwa semma wkoll l-problema dwar l-kumpless Dun Anton Sciberras.

48.2.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab jekk kienx hemm xi żvillupi dwar l-ATM ta' Ta' Giorni, huwa ġie nfurmat mis-Segretarju li s'issa għad mhemmx approvazzjoni mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, filwaqt li t-tender kien ingħata iżda kien hemm oġġezzjoni min-naħa tal-contracts, għaldaqstant dan it-*tender* reġa' nħareġ.

48.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar is-sinjali li kellhom isiru ġewwa Paceville. Hu ġie nfurmat li dawn bdew isiru filwaqt li min-naħa tal-Kunsill saru ż-żebra crossings minħabba li kienu ta' periklu.

48.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt 47.2.11 dwar ir-rapport li kellu jintbagħat min-naħa tal-Perit fir-rigward Tikka Flats. Is-Segretarju nforma lill-Kunsillier Martin John Sultana li għadna qed nistennew ir-rapport min-naħa tal-Perit tal-Kunsill.

48.2.09 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar l-arbli ta' Lapsi Street. Huwa ġie nfurmat li min-naħa tagħna kellimna lill-Go.

48.2.10 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigeg qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvilluppi dwar il-*platform* ta' Triq Gort. Huwa ġie nfurmat li min-naħa tal-Kunsill bgħatna l-ittra u rċivejna *acknowledgement*.

48.2.11 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvilluppi dwar it-*Town Centre Management Committee*. Iċ-Ċermen informa lill-Viċi Sindku li saret l-ewwel laqgħa nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018 fejn kien hemm introduzzjoni ta' dan it-*Town Centre Management Committee*. Għaldaqstant ġie deċiż li nitolbu lill-Kumitat tat-*Town Centre Managament* sabiex il-minuti jibdew jintbagħtu iktar fil-ħin sabiex ikunu jistgħu jiġu mtella' quddiem il-Kunsill. Ġie inutat ukoll li l-MOU ma kienx iffirmat min-naħa tal-Kunsill meta dan kien jikkonċerna prinċipalment lill-Kunsill. Is-Segretarju kellu wkoll iqabbel il-proposta tal-MOU li kellu l-Kunsill ma' dak li ġie ffirmat għax jidher li hemm xi diżgwid.

48.2.12 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvillupi dwar Triq Żammit Clapp, fejn min-naħa tiegħu ċ-Ċermen kellem lill-kuntrattur u qallu li s'issa min-naħa tad-*drainage department* għadhom ma kkuntatjawhx, kif ukoll kellem lis-Sur Michael Cohen dwar din is-sitwazzjoni iżda s'issa għad m'għandniex risposta.

48.2.13 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvilluppi dwar l-open gym equipment ġewwa Ġnien Spinola. Huwa ġie nfurmat li t-tender kien ingħata pero' minħabba li konna ser inġibu l-fondi mill-UIF, hemm problema bil-kwistjoni ta' l-aċċessibilita'. Il-Perit tal-Kunsill kien qiegħed jiddiskuti biex jintlaħaq ftehim.

48.2.14 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 47.3.03 fejn huwa informa lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Onor. Deo Debatista u l-Onor Silvio Parnis flimkien mal-*Cleansing Service Directorate* dwar it-tindif extra ġewwa San Ġiljan. F'din il-laqgħa kien miftiehem li jsir xogħol extra ta' tindif ġewwa Paceville u għal dan l-għan kienet ġiet imsejħa laqgħa flimkien mal-kuntrattur tal-Kunsill u l-*Cleansing Service Directorate* biex jintlaħaq dan il-ftehim. Din il-laqgħa kienet ġiet posposta għal data oħra li għad m'għandniex.

48.2.15 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 47.3.06 fir-rigward it-taraġ tal-pont ta' quddiem il-knisja, u nforma lill-Kunsill li t-taraġ tlesta, wat li issa qed jinbidlu wkoll il-bozoz. Ser ikun qiegħed isir tarmak fil-car park tal-Knisja, u ser jinżebgħu wkoll ir-*railings*.

**48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

48.3.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar is-safra ġewwa Kunsentmikloz fl-Ungerija. Din kienet waħda ta' success u kollox mar sew.

48.3.02 Wara li l-Kunsill kien ġie avviċinat min-naħa tal-familjari ta' l-President Emeritus Dr. Ċensu Tabone sabiex titwaħħa plakka mal-monument bi kwotazzjoni li kien jħobb juża Dr. Ċensu Tabone. Kien hemm qbil li din issir.

48.3.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar is-Sibt 28 ta' Lulju 2018 fid-9.00 a.m. ser isir clean up ġewwa Wilġa Street. Min-naħa tal-Kunsill ser inkunu qed noffrulhom żewġ skips kif ukoll ambulanza u *first aider*.

48.3.04 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni l-performance bonus tas-Sinjura Josianne Cutajar. Huwa talab li tingħata l-*full performance bonus*. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-*full performance bonus*.

48.3.05 Il-Kunsill qabel li għandu jiġi estiż l-kuntatt esiżenti ma' l-accountant Daniel Galea sa' l-aħħar ta' Settembru.

48.3.06 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li bdew isiru xi xogħolijiet ta' manuntenzjoni fuq il-*public conveniences*.

48.3.07 Is-Segretarju spjega li għandu jinħareġ kuntratt ġdid għal Perit u Works Manager. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jinħarġu żewġ kuntratti seperati wieħed tal-Perit u wieħed tal-*Works Manager*.

**48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

48.4.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg staqsa dwar jottijiet li qed jorbtu fix-Xatt ta' Spinola speċjalment fil-*weekends* waqt li d-dgħajjes tal-lokal qed isibu nkonvenjent u ma jkunux jistgħu jidħlu. Għandha tintbagħat ittra lit-Transport Malta Maritime Section sabiex ikun hemm koordinament aħjar dwar l-irmiġġ u l-aċċess tad-dgħajjes ġewwa Spinola. Fl-istess ittra għandu jkun hemm reminder dwar il-proposta tal-istallazzjoni tal-bagi.

48.4.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg tkellem dwar l-inċident li seħħ ġewwa Triq Ġorġ Borġ Olivier, u staqsa jekk hux ser jiġi rranġat l-ħsarat li saret. Huwa ġie nfurmat li x-xogħolijiet qed isiru. Fl-istess ħin qed issir proposta sabiex nibagħtu kondoljanzi lill-familjari tal-vittma kif ukoll titwaħħal tabella fil-post ta' l-inċident.

48.4.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana, qajjem il-punt dwar il-problema ta' muturi ġewwa San Ġiljan, dan minħabba li qed ikun hemm ħafna muturi li qed jipparkjaw ġo parking spaces. Huwa ssuġġerixxa li għandhom isiru aktar parkeġġi għall-muturi, huwa ġie nfurmat li dawn iridu jsiru wkoll bl-approvazzjoni tat-Transport Malta.

48.4.04 Il-Kunsiller Martin John Sultana qajjem il-punt dwar is-sitwazzjoni tal-bins. Huwa ġie nfurmat dawn ser jiġu ordnati pero' temporanjament ser jitpoġġew bins *extra* għal waqt il-festa.

48.4.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar il-funtana tal-Balluta fejn din qed tkun maħmuġa ħafna. Huwa ġie nfurmat li qed jintefa' l-chlorine darba fil-ġimgħa.

48.4.06 Il-Kunsiller Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-*facebook* tal-Kunsill minħabba li mhux qed inwieġbu lin-nies. Il-Kunsillier Edgar Montanaro offra li jieħu ħsieb li jirrispondi lil min jibagħat fuq il-*facebook*.

48.4.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li jitneħħew l-ixkejjer li hemm bil-ġebel fit-taraġ li hemm li jagħti għas-Saddles.

48.4.08 Il-Kunsillier John Agius talab li jitneħħew l-istreamers tal-Carob Tree li hemm mar-tailings taħt il-Banif Bank. Huwa ġie nfurmat li dawn qegħdin bla permess u ser jitneħħew mill-aktar fis.

**48.5 Għoti ta' tender ta' l-accountant**

48.5.01 Is-Segretarju ressaq żewġ offerti li l-Kunsill irċieva fir-rigward it-tender ta' l-accountant. Huwa spjega li l-aktar offerta vantaġġjuża hija ta' l-Accountant Daniel Galea.

48.5.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li tintgħażel l-offerta ta' Daniel Galea minħabba li hija l-offerta l-aktar vantaġġjuża.

48.5.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondah.

48.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.6 Talbiet żgħar;**

**48.6.01 Email mingħand is-Sur Luke Zerafa dwar incident fi Triq Santu Wistin (Inc. 4305/18)**

48.6.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Luke Zerafa dwar inċident fi Triq Santu Wistin. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li nħallsuh.

**48.6.02 Email mingħand il-GreenPak dwar monitoring of black bag in San Ġiljan (Inc. 4532/18);**

48.6.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-GreenPak dwar monitoring of black bag in San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-materja għandha tittella' fuq *facebook*.

**48.6.03 Email mingħand is-Sinjura Lianne Mifsud f'isem l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/075 – Malta Textile Recycling (Inc. 4566/18)**

48.6.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Lianne Mifsud f'isem l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/075 – Malta Textile Recycling. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jibqa' bis-sistema preżenti bi skips ħdejn il-Bring in sites u mhux permezz ta' *household collection*.

**48.6.04 Email mingħand is-Sinjura Louiselle Pace Gouder dwar żvillup Villa Leoni San Ġiljan (Inc. 4946/18)**

48.6.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Louiselle Pace Gouder dwar żvillup f'Villa Leoni San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jissotometti l-oġġezzjoni abażi li dan huwa żvillupp kummerċjali fil-qalba tal-lokalita'.

48.6.04.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ġie skużat fis-6.40p.m.

**48.6.05 Korrispondenza mingħand l-Avukat Dott. Stefano Filletti dwar ħsara f'tyre li saret fis-26 ta' Ġunju 2018 (Inc. 4968, Inc. 4990, Inc. 5005)**

48.6.05.01 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand l-Avukat Dott. Stefano Filletti dwar ħsara f'*tyre* li saret fis-26 ta' Ġunju 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nħallsuh.

**48.6.06 Email mingħand is-Sinjura Paulina Lonnroth dwar ECAD study visit to San Patrignano WeFree days 10-11 October (Inc. 5002/18)**

48.6.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Paulina Lonnroth dwar ECAD study visit to San Patrignano WeFree days 10-11 October. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jattendix.

**48.6.07 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/084 – Call for applicants – youth delegates – 36th and 37th Congress Sessions. (Inc. 5105/18)**

48.6.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/084 – Call for applicants – youth delegates – 36th and 37th Congress Session. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**48.6.08 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/085 – Application Call: 2021 European Green Capital Award Competition (Inc. 5106/18)**

48.6.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/085 – Application Call: 2021 European Green Capital Award Competition. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**46.6.09 Email mingħand l-Let's Do It Malta dwar World Clean Up Day 15/09/18 (Inc. 5228/18)**

48.6.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Let's Do It Malta dwar World Clean Up Day 15/09/18. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

46.6.10 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Parroċċa San Ġiljan dwar dustbins għas-Sibt 18 ta' Awwissu 2018. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

46.6.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li rcivejna oġġezzjoni dwar xelter għal qtates ġewwa Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li minħabba kwistjoni ta' saħħa, il-Kunsill ma kienx ser jonora li jibni dar għal qtates ġewwa Ta' Ġiorni kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti.

46.6.12 Is-Segretarju ressaq ir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2018 fejn ta spjegazzjoni tiegħu.

46.6.12.01 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Clayton Tant Gregoracy ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2018.

46.6.12.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah fl-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Maru 2018.

46.6.12.03 Il-Kunsill qabel unanimament mar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2018.

**48.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

48.07.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 43/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**48.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

48.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

48.08.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

48.08.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondah.

**48.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

48.09.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4474 sa 4490. (Ara Appendiċi 'B')

48.09.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**48.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

48.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 09 ta' Awwissu 2018 fl-4.30p.m.

48.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 19 ta' Lulju 2018